MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Numru 1539/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**MALIK M AHMED SHERMADDO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Malik M Ahmed Shermaddo ta' 20 sena, iben Muhammed u Amal nee' Abdulsamad, imwieled nhar it-2 ta' Novembru, 1987, residenti fil-kamra numru 410, Milano Due Hotel, The Strand, Sliema, detentur tal-passaport libjan numru 173629;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta' Dicembru, 2007 ghall-habta ta' 22.30hrs gewwa s-Swieqi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-gisem ta' Ronald Agius;

2. U aktar talli bi traskuragni, b'negligenza, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna hsara involontarja fuq il-proprjeta' ta' Ronald Agius, liema hsara ma teccedix il-valur ta' Lm50.00 (hamsin lira maltin);

3. U kif ukoll talli f'post pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien xurban b'tali mod li ma jistax jiehu hsieb tieghu innifsu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 216, 325, 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imsemmi imputat Malik M Ahmed Shermaddo hati, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti tordna l-hrug ta' garanzija favur Ronald Agius taht penali ta' Lm200.00 (mitejn lira maltin) ghal zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fil-waqt li tordna lill-istess imputat Malik M Ahmed Shermaddo sabiex ma jersaqx lejn Ronald Agius, u l-fond 'Garden View Complex' sitwat is-Swieqi.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------